# ażjoni tal-Franċiżi

Philip Xuereb



atax. Fl-inhawi 'l fuq mill-ark tal-Fleur de Lys sehhet il-ġliedà li tissemma fl-artiklu.

kunventi soppressi Ta' Ġieżu fir-Rabat u Tal-Karmnu fl-Imdina. Dakinhar Vincenzo Borg kien l-Imdina kmieni wara nofsinhar u niżel jaghti l-allarm f'Birkirkara u l-irhula qrib. Hu nhatar kap tal-Karkariżi, ghalkemm ċertu Wiġi Sillato, li kien minn Bormla iżda kellu villeġġatura f'Birkirkara, kien jikkontendi li ghall-ewwel il-Karkariżi kienu hatru lilu, billi fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann kien kmandant fil-forti Rikażli ghalhekk seta' kellu ċerta esperjenza. Iżda wara ftit xhur, l-aktar wara l-elezzjonijiet ta' Frar 1799 dan Sillato ma baqax fil-kamp ta' Birkirkara, iżda mar fil-*headquarters* f'San Ġużepp.

Bil-lejl, bil-parir ta' Vincenzo Borg, attakkaw it-torrijiet u impostazzjonijiet militari ohra f'San Ġiljan u San Ġorġ biex jiehdu l-armi. Is-suldati Franċiżi jew inqatlu jew harbu lejn il-fortijiet Tignè u Manoel. Tliet kanuni li nqabdu mill-postijiet attakkati ttiehdu: wiehed fuq l-gholja tal-Gharghur (Kappara tal-lum), thares fuq il-Forti Manoel, wiehed f'Tas-Samra, il-Hamrun qrib ta' Atoċja, jghasses il-Bieb tal-Bombi, wiehed fuq l-Gholja ta' Kordin li thares fuq l-Isla u fuq id-difiżi avvanzati tal-Furjana, il-*Crown Horn Works* — fejn illum hemm l-uffiċċju tal-liċenzji.

Fit-3 ta' Settembru l-Imdina waqghet f'idejn l-insorti Maltin. Saret il-ġlieda li baqghet maghrufa bhala ta' l-Arkata l-Baxxa, fir-raba' ta' l-Indjana hdejn Farsons llum. Karkariżi, Mostin u Qriema laqghu truppa ta' suldati Franċiżi li kienu telghin jaghtu l-ghajnuna lil shabhom fl-Imdina. Il-Maltin kellhom biss 29 xkubetta li kienu hadu lis-suldati Franċiżi f'San Ġorġ. Ghall-bqija ghamel tajjeb il-ġebel tas-sejjieh. Inqatlu xi suldati Franċiżi ohrajn harbu lura lejn il-Belt. Iżda mietu l-ewwel Karkariżi f'din il-gwerra li kellha ddum sentejn: Anġlu Mallia u Ġanni Borg.

Nhar l-4 ta' Settembru saret l-ewwel laqgha bejn il-kapijiet u rappreżentanti ta' l-irhula. Billi tista' tghid kull rahal kien hatar kap ghalih inhasset il-htieġa li jkun hemm xi forma ta' ghaqda fit-tmexxija ta' dan l-isforz biex ikun verament unitarju. L-ewwel li wrew dal-hsieb kienu l-Prepostu ta' Birkirkara, Dun Pietru Pawl Micallef u l-Kan. Mikiel Dimech tal-Katidral, li kien delegat ta' l-Isqof Franċiż.

Il-laqgha saret fl-Imdina fejn in-nutar Manwel Vitale, li fil-bidu kien mahtur kmandant tar-Rabat u Had Dingli, inhatar il-kmandant ewlieni u l-kapijiet l-ohra kienu konfermati ghall-irhula taghhom u nghataw l-impostazzjonijiet tad-difiża biex isakkru lill-Franċiżi ġo l-ibliet. Vincenzo Borg deher f'din il-laqgha u kien konfermat bhala l-kap tal-battaljun tal-Karkariżi, li mieghu nghaqad ukoll dak tal-Mosta.

## Mezzi ta' difiża tal-Maltin

Tista' tghid l-Maltin intefghu f'din il-ġlieda kontra suldati mharrġin u armati li kienu mdorrijin jirbhu kullimkien, bla ma kellhom xejn f'idejhom. Niftakru li l-Franċiżi kienu ghadhom kif ghamlu kull ma setghu biex iżarmaw lill-Maltin. Jerġa' l-hażniet ta' l-ikel kienu kollha f'idejn il-Franċiżi fl-ibliet.

Vincenzo Borg mal-Karkariżi u l-Mostin tista' tghid kellhom ir-responsabbiltà tad-difiża kollha tan-naha tat-tramuntana ta' l-ibliet: il-kosta tal-port ta' Marsamxett ghal San Ġiljan, San Ġorġ, Bahar iċ-Ċaghaq, il-bajjiet tas-Salina, San Pawl il-Bahar u l-Mellieha.

Vinċenzo Borg qabbad haddieda u mastrudaxxi jaghmlu l-lanez, ghax ma kellhomx xkubetti. Hadu ċ-ċomb mill-kanali ta' l-ilma ta' S. Anton biex jaghmlu l-balal ghal ftit armi li seta' kellhom. Sadanittant karkru xi kanuni u armi ohra li sabu mit-torri ta' Kemmuna, biex iqawwu l-pożizzjonijiet taghhom.

Ghall-bidu ta' l-imblokk Vincenzo Borg kellu 1,600 ruh fil-battaljun. Dawn, bhal fi bnadi ohra, aktar 'l quddiem tnaqqsu, saru speċi ta' *shift*, biex tkun tista' tkompli l-hidma, speċjalment fl-ghelieqi, halli jipproduċu l-ikel tant mehtieġ u anki minhabba l-htiġiet tal-familji.

Hadd ma jiċhad li l-isforz li kienu qed jaghmlu l-Maltin f'dan l-imblokk kellu jmur 'l hemm mil-limitazzjonijiet taghhom. Hekk htiġilhom jadottaw kull tattika possibbli inkluża dik tal-gwerra psikoloġika. Jinghad li biex Vincenzo Borg jaghti impressjoni lill-Franċiżi fil-Forti Manoel li kellu hafna nies armati ghad-dispożizzjoni tieghu, beda jdawwar l-irġiel bil-lasti ta' l-imdieri fuq spallithom madwar il-knisja rurali, dak iż-żmien ta' San Ġwann ta' l-Gharghar.

Bhalma kien qed isir fil-kampijiet l-ohra tal-Maltin, Borg beda wkoll il-bini ta' trunċieri biex isahhu l-qaghdiet li kienu hadu: Il-batterija maghrufa bhala t-twila fuq tal-Gharghar. Il-batterija ta' l-Imrabat — f'ras it-telgha mill-bajja ta' San Ġiljan. Il-batterija ta' Sqaq Kappara, tilqa' forti Manoel. Il-Batterija ta' Xindi fejn kien ukoll ir-razzett fejn Borg kellu l-kwartier tieghu. Il-Batterija ta' Ġemmuna li kienet tiddefendihom ghan-naha tal-bahar — Ta' Ġemmuna kien l-isem li bih kienu maghrufin l-inhawi tad-Dragunara u Paceville tal-lum. Il-Kmandant tal-Karkariżi ġieghel jinbnew ukoll daqs 400 metru ta' hitan hoxnin xi metru, b'bankina ghall-moskettieri u b'25 gardjola tal-ġebel fi nhawi lejn kien hemm bżonn.

Barra minn dan, ta' min ifakkar li matul il-kosta kien hemm ukoll dawn l-impostazzjonijiet militari li kienu saru fi żmien il-kavallieri: 10 torrijiet ta' l-ghassa: S. Ġiljan, S. Ġorġ, il-Madliena, Qalet Marku, l-Ghallis, il-Qawra, l-Imġiebah, l-Abjad, San Pawl il-Bahar, Ş. Agata (Torri l-Ahmar) u ta' Kemmuna, erba' trunċieri: Il-Qaliet, il-Qawra, Ta' Qassisu (Ghadira) Ta' Vandoma (Amier); seba' battterji (Bahar iċ-Ċaghaq, il-Qawra mat-torri, tnejn f'San Pawl il-Bahar fiż-żewġ nahat ta' ġewwa fix-Xemxija, il-Mistra, il-Marfa u l-Armier), Ir-ridott ta' Ximenes fis-Salina.

Biex iġorru l-armamenti li kienu akkwistaw mill-impostazzjonijiet ta' max-xtut, Borg kien ghamel karru ta' sahha li baqa' jintuża ghall-ġarr ta' kanuni, mill-battaljuni kollha, sakemm dam l-imblokk.

Biex l-imblokk kien jista' jitkompla, barra htiġiet militari kien hemm ukoll dawk tal-hajja ghalxiex wiehed jahseb. Ċensu Brared kien ukoll il-provveditur tal-battaljun, u biex jixtri l-ikel mehtieġ hareġ kemm minn flusu kif ukoll isselfef. Biss f'Jannar 1799 ghadd ta' Karkariżi ghonja rahnu ġidhom bhala garanzija biex ikunu jistghu jġibu affarijiet ta' l-ikel minn Sqallija.

Din l-ipoteka saret fl-4 ta' Jannar u fiha ffirmaw il-Prepostu Dun Pietru Pawl Micallef, ghadd ta' kanoniċi u qassisin, xi kjeriċi, it-tabib Pawlu Borg, l-Ispiżjar Ġan Battist Sciortino, In-Nutar Feliċ Grech u Ġan Battist Gauci, b'kollox 23.

Inhatru wkoll disa' min-nies bhala delegati biex iġibu l-ikel minn barra: hamsa kienu qassisin mill-istess lista, fosthom il-Prepostu, it-tabib, l-ispiżjar u żewġ notabili ohra mir-rahal, Franġisk Gauci u Girgor Gatt. Girgor Gatt kien l-istess wiehed li kien inhatar bhala wiehed mill-mexxejja tal-muniċipalità ta' Birkirkara li kienu waqqfu l-Franċiżi daqs xahrejn qabel. Dakinhar li beda l-irwell, il-Hadd 2 ta' Settembru kellu xi uffiċjali ghall-ikel fid-dar tieghu ta' Birkirkara... aktar tard wara l-imblokk u t-tkeċċija tal-Franċiżi meta kien reġa' ġie Alexander Ball jamministra lil Malta, u kien kisirha ma' Vincenzo Borg, kien hatar lil dan Girgor Gatt bhala Logutenent minfloku.

Dan kien il-mod u dawn kienu t-thejjijiet li ghamlu l-Karkariżi fl-isforz komuni ma' huthom il-Maltin l-ohra, biex iżommu lill-Franċiżi ghal sentejn shah imsakkrin fil-fortifikazzjonijiet ta' madwar il-portijiet ewlenin.


Bibljografija:

E B Vella — Storja ta' Birkirkara...(1934)

W. Hardman — A History of Malta During the Period of the French...(1909)

C. Testa — Maż-Żewġ nahat tas-Swar (1979-82)

D. Mifsud — Origine della Sovranità Inglese su Malta (1907)

E. Zammit — Birkirkara fis-Seklu XIX (1995)




Vincenzo Borg Brared — Bust maghmul minn Salvu Psaila fl-Awla Kapitulari tal-Kolleġġjata S. Elena, Birkirkara.